MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1264/2004

**GasanMamo Insurance Limited C-3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Martin Said u l-istess Martin Said**

**vs**

**Jacqueline Farrugia (ID642281M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u erbgha u hamsin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm854.16), u dana in kwantu ghas-somma ta' seba' mija u tmienja u disghin lira u sitta u sittin centezmu (Lm798.66) lis-socjeta` attrici assikurattrici, u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u hamsin lira u sittin centezmu (Lm55.60) lill-attur Martin Said, rappresentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-**

**vettura bin-numru IAV-034 fit-30 ta' Jannar, 2003 gewwa tas-Sliema habtet mal-vettura numru CAD-058 propjeta' tal-attur Martin Said u misjuqa minn Martin Said, u kkagunat danni f'din l-istess vettura.**
**Dan l-incident hija ghalih unikament responsabbli l-konvenuta stante li s-sewqan taghha kien wiehed negligenti u traskurat.**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Lulju, 2003 kontra l-konvenuta u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta, bl-imghax kontra l-istess konvenuta mid-data ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju, 2003 ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-kovenuta prezentata fit-28 ta' Ottubru, 2004 fejn intqal illi:**
**i. It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-incident mertu tal-avviz odjern ma sehhx htija tal-eccipjenti;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni d-danni pretizi huma esagerati;**
**iii. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 153 Anthony Gerada, Martin Said, Jacqueline Farrugia. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi sehhet fit-30 ta' Jannar, 2003 fi Triq Locker, Sliema. Il-vetturi nvoluti fil-kollizzjoni kienu l-vettura bin-numru CAD-058 misjuqa minn Martin Said u l-vettura IAV-034 misjuqa minn Jacqueline Farrugia.**
**2. Jirrizulta illi Said kien qed isuq fi Triq Locker ghaddej fid-dritt, filwaqt li Farrugia kienet gejja mid-direzzjoni ta' Triq Dragut sabiex tidhol ghal go Triq Locker.**
**3. Jirrizulta li fuq iz-zewgt ignub ta' Triq Locker kien hemm vetturi parkeggati, u kien hemm truck**

**parkeggat mal-genb tal-kisra minn fejn kienet gejja l-konvenuta.**

**4. Il-konvenuta tghid li minhabba t-truck hi kellha tisporgi ftit ghal go Triq Locker. Skond il-konvenuta, l-attur laqatha fuq il-genb tax-xellug u quddiem.**

**5. L-attur da parti tieghu jghid li meta wasal fit-T-junction sema "a rumbling noise" qisu hoss ta' brakes u qala d-daqqa fuq in-naha tax-xellug. Id-daqqa fil-vettura tal-attur kienet fuq ix-xellug fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura. L-attur jammetti li lill-konvenuta ma rahiex.**

**6. Kif rilevat mill-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs Anthony Galea": "Id-driver li jkun diehel minn side road ghal go main road ghandu certi doveri x'josserva, fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-main road qabel johrog fiha, u dak li jmexxi dead slow, u sahansitra jwaqqaf, biex hu sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. Il-main road user ghandu wkoll joqghod attent fi cross roads; imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lis-side road user hu ferm akbar. Jekk il-provi juru li l-kawza prossima tal-kollizzjoni kienet unikament in-negligenza tas-side road user, li bl-ghemil tieghu rrenda l-kollizzjoni inevitabbli, il-main road user ma ghandu ebda tort fil-kollizzjoni, avvolja hu kien qieghed isuq il-karozza fuq il-crown of the road, minflok fuq ix-xellug tat-triq kif jippreskrivu r-regolamenti." Vol.XXXVII-IV-1137.**

**7. Tlett fatturi huwa ta' importanza kbira fid-determinazzjoni ta' dan il-kaz. Fl-ewwel lok ma hemmx dubbju li l-fatt li kien hemm truck ipparkjat biswit minn fejn kienet hierga il-konvenuta, gab sitwazzjoni fejn il-konvenuta kienet daqs li kieku hierga minn blind corner. Fit-tieni lok hemm il-fatt li nstemghet zzomm brake hi u hierga. Fit-tielet lok hemm il-fatt ta' fejn grat il-hsara fil-vetturi. Dawna kollha jindikaw li l-konvenuta kellha obbligu li tuza l-massima diligenza tenut kont tas-sitwazzjoni partikolari, haga li jidher li m'ghamlitx, peress li meta sporgiet u sabet lill-attur tiela', li ma jirrizultax li kien tiela b'xi velocita` partikolari, zammet brake biex tipprova tevita l-kollizzjoni pero` laqtet lill-attur fuq quddiem. Ghalhekk**

**ghall-kollizzjoni ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli l-konvenuta.**
**8. Id-danni jirrizultaw pruvati fl-ammont mitlub u dana skond ma jirrizulta mid-dokumenti esebiti a fol.12 sa fol.20 tal-process.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh u konsegwentement jikkundannaha thallas is-somma ta' seba' mija u tmienja u disghin lira u sitta u sittin centezmu (Lm798.66) lis-socjeta` attrici assikurattrici, u s-somma ta' hamsa u hamsin lira u sittin centezmu (Lm55.60) lill-attur Martin Said, ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-7 ta' Lulju, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Lulju, 2003 kontra l-konvenuta u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------